

32006D0033

L 21/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.1.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Jannar 2006

li jistabbilixxi grupp ta' livell għoli ta' esperti dwar l-integrazzjoni soċjali tal-minoritajiet etniċi u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol

(2006/33/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Inkarigu

Billi:

L-inkarigu tiegħu għandu jkun:

- (1) L-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jagħti l-kompetenza lill-Komunità li tiegħu l-miżuri neċessarji bl-iskop li tkun ikkumbattuta kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-religjion jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
- (2) B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li għib l-isem "In-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd" ⁽¹⁾ adottata fl-1 ta' Ġunju 2005 li tenfasizza n-neċessità għall-Unjoni Ewropea mkabbra li tiddefinixxi avviċinament koerenti u effikaċi li jippermetti l-integrazzjoni soċjali tal-minoranzi etniċi u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel użu minn kompetenzi ta' speċjalisti miġburin flimkien fi ħdan grupp konsultattiv.
- (3) Il-grupp għandu jikkontribwixxi fid-definizzjoni ta' avviċinament koerenti u effikaċi li jippermetti l-integrazzjoni soċjali tal-minoranzi etniċi żvantaġġati u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (4) Il-grupp għandu jkun kompost minn esperti mis-soċjetà ċivili, mid-dinja tar-riċerka, mill-intrapriżi, mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali kif ukoll mill-minoritajiet etniċi u partijiet oħra interessati. Il-formazzjoni tiegħu għandha tkun ibbilanċjata, b'mod partikulari skond il-kriterji li ġejjin: il-pajjiż ta' oriġini, is-sess, l-orijini etnika, il-qasam ta' attività u l-kompetenza.

- li janalizza l-mezzi biex titwettaq integrazzjoni soċjali aħjar tal-minoritajiet etniċi u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
- li jissottometti, qabel l-aħħar ta' l-"2007 s-Sena Ewropea għal Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd", rapport li jkollu r-rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki li għandhom ikunu implimentati fir-rigward ta' dan is-suġġett.

Il-grupp għandu jkun ispirat mill-prattiki adatti f'dan il-qasam, u għandu jinteressa lilun nnifsu b'mod aktar partikulari fil-kwistjonijiet li ġejjin:

- is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tal-minoranzi etniċi fl-Unjoni Ewropea attwali;
- is-sitwazzjonijiet differenti u l-bżonnijiet tal-gruppi minoritarji, li jinkludu l-migranti reċenti, il-minoranzi etniċi stabbiliti, il-minoritajiet nazzjonali, ir-Roma u l-persuni mingħajr nazzjonalità;
- l-impatt tad-diskriminazzjoni multiplika u l-influenza ta' fatturi bħalma huma l-età, is-sess, id-diżabbiltà u r-religjion, kif ukoll l-impatt ta' l-iżolament ġeografiku u l-livell ta' edukazzjoni;
- il-kontribuzzjoni tal-politiki u l-programmi ta' l-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni soċjali tal-minoranzi etniċi u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol;
- l-impatt ta' l-iżviluppi futuri, inklużi l-mewġ ġdid ta' adeżjonijiet possibbli fl-Unjoni Ewropea (ir-Rumanija, il-Bulgarija, it-Turkija, il-Balkani tal-Punent).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Il-President tal-grupp jista' jindika lill-Kummissjoni l-okkażjoni meta hi għandha tikkonsulta l-grupp dwar kwistjoni speċifika.

Artikolu 1

Artikolu 3

Il-Kummissjoni b'dan il-mezz qed tistabbilixxi grupp ta' livell għoli ta' esperti konsultattivi dwar l-integrazzjoni soċjali tal-minoranzi etniċi u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-grupp".

Formazzjoni — Nominazzjoni

1. Il-membri tal-grupp huma nnominati mill-Kummissjoni fost l-ispeċjalisti li għandhom kompetenzi fl-oqsma indikati fl-Artikolu 2.

⁽¹⁾ COM (2005) 224 finali.

2. Il-grupp għandu jikkonsisti minn massimu ta' 10 membri.
3. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:
 - il-membri huma nnominati f'kapaċità personali u hu mis-tenni minnhom li jaqthu parir lill-Kummissjoni indipendent minn kull influwenza estera;
 - il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm ikunu sostitwiti jew sa l-aħħar tal-mandat tagħhom.
 - il-membri li ma għadhomx fil-pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-grupp, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u t-tieni punt ta' dan l-Artikolu jew ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jistgħu jkunu sostitwiti għall-perjodu taż-żmien li jkun fadallu l-mandat tagħhom;
 - il-membri għandhom jiffirmaw kull sena dikjarazzjoni fejn jistqarru li huma jaġixxu għas-servizz ta' l-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas ta' kull interess li jista' jaffettwa l-indipendenza tagħhom;
 - l-ismijiet tal-membri huma ppubblikati fl-Internet sajt tad-DG għall-impjegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs, u fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, serje C. Il-ġbir, l-immaniġġjar u l-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri jsiru b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali.

Artikolu 4

Tħaddim

1. Il-Kummissjoni tinnomina l-President tal-grupp.
2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esperti jew osservaturi b'kompetenza speċifika f'suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipaw fil-ħidmiet tal-grupp meta dan ikun utli u/jew neċessarju.
3. L-informazzjoni akkwistata fil-qafas tal-parteeċipazzjoni tal-ħidmiet tal-grupp ma tistax tkun imxandra meta l-Kummissjoni tiddikjara li din tkun marbuta ma' kwistjonijiet konfidenzjali.

4. Il-grupp għandu jiltaqa' normalment flokalitajiet fejn il-Kummissjoni u s-servizzi tagħha huma stabbiliti, skond il-modalitajiet u l-kalendarju f'fissati minnha. Ix-xogħol segretarjali hu assigurat mis-servizzi tal-Kummissjoni. Uffiċjali oħra kkunċernati tal-Kommissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-laqqgħat.

5. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni⁽¹⁾.

6. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jippubblikaw fuq l-Internet, fil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kull sommarju, konklużjoni, parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

Artikolu 5

Spejjeż tal-laqqgħat

L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, ta' l-akkomodazzjoni mħallsa mill-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu ta' l-attivitajiet tal-grupp huma rimborżati mill-Kummissjoni b'konformità mad-dispożizzjoni fis-seħħ fi ħdan din ta' l-aħħar. Il-membri mhumieq imħallsa tas-servizzi tagħhom.

L-ispejjeż tal-laqqgħat huma rimborżati fil-limiti ta' l-appropriazzjonijiet disponibbli allokati lis-servizzi kkonċernati fl-ambitu tal-proċedura annwali ta' l-allokkazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007. Il-Kummissjoni għandha tid-deċiedi dwar estensjoni possibbli qabel din id-data.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Vladimír ŠPIDLA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 38, 6.2.2001, p. 3.